

Brussell, 19 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8857/22

AG 49
PE 48
INST 164
AGRI 177
AGRIFIN 41
VETER 49

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 2753
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 27.4.2022 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "End The Slaughter Age" ("Intemmu l-Era tat-Tbiċċir") skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 2753.

Mehmuż: C(2022) 2753



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2022
C(2022) 2753 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 27.4.2022

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “End
The Slaughter Age” (“Intemmu l-Era tat-Tbiċċir”) skont ir-Regolament (UE) 2019/788
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Il-verżjoni bit-Taljan biss hija awtentika)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 27.4.2022

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “End The Slaughter Age” (“Intemmu l-Era tat-Tbiċċir”) skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Il-verżjoni bit-Taljan biss hija awtentika)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni ġiet ippreżentata talba dwar ir-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “End The Slaughter Age”.
- (2) L-għanijiet tal-inizjattiva kif ġew spjegati mill-organizzaturi huma: “(a) l-esklużjoni tat-trobbija tal-bhejjem minn attivitajiet eliġibbli għal sussidji agrikoli u l-inklużjoni ta' alternattivi etiċi u ekoloġiċi, bħall-biedja taċ-ċelloli u l-proteini tal-pjanti u; (b) l-introduzzjoni ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli ċellolari u dawk ibbażati fuq il-pjanti”.
- (3) Dokument addizzjonali jipprovdni aktar dettalji dwar is-suġġett, l-oġġettivi u l-isfond tal-inizjattiva, u jstabbilixxi u jagħti dettalji dwar ir-raġunijiet għall-appoġġ għal din l-inizjattiva. L-organizzaturi jsostnu li eluf ta' persuni li jaħdmu fis-setturi tat-tbiċċir tal-annimali u tal-ipproċessar tal-laħam jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena ħafna u ta' spiss anki illegali. Peress li l-benessri tal-annimali huwa kwistjoni importanti għall-Unjoni, ma għadx hemm ġustifikazzjoni morali jew legali biex nissuktaw imbiċċru l-annimali. Jişqqu wkoll li l-intensifikazzjoni tal-agrikoltura mhux sostenibbli u ż-żieda fid-domanda għall-proteini tal-annimali huma żewġ fatturi li jikkontribwixxu għar-riskju ta' mard zoonotiku. Fl-istess ħin, it-trobbija tradizzjonali tal-annimali tikkonsma ħafna enerġija u tuża ħafna art, filwaqt li hija sors ewlieni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Abbażi tal-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' “min iniġġes iħallas”, l-organizzaturi jsostnu li huwa ġustifikat li minflok lis-settur tal-bhejjem, is-sussidji agrikoli jingħataw għal alternattivi ekoloġiċi, bħall-biedja taċ-ċelloli u l-biedja bbażata fuq il-proteini tal-pjanti. Fir-rigward tal-inċentivi possibbli għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' alternattivi sostenibbli, huma jsemmu bħala eżempju t-treġġiġħ lura tat-tassazzjoni addizzjonali li bħalissa hija imposta fuq alternattivi tal-pjanti meta mqabbla ma' prodotti bbażati fuq l-annimali.
- (4) Fir-rigward tal-ewwel oġġettiv tal-inizjattiva biex is-sussidji agrikoli jingħataw għal alternattivi ekoloġiċi u mhux għas-settur tal-bhejjem, sa fejn dawn is-sussidji jkopru

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tressaq proposti għal atti legali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika agrikola komuni abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE.

- (5) Fir-rigward tat-tieni oġettiv tal-inizjattiva li titlob l-introduzzjoni ta' inċentivi, f'termini ta' sussidji jew simili, għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli ċellolari u bbażati fuq il-pjanti, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE sa fejn jikkonċerna l-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE. Barra minn hekk, billi l-inizjattiva għandha l-għan li tkopri wkoll tipi oħra ta' inċentivi, li jmorru lil hinn mis-sussidji agrikoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, sa fejn dawn ikollhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.
- (6) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' b'mod ċar barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (7) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet fattwali u sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inklużi l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibilità mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.
- (8) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.
- (9) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (10) Għaldaqstant jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "End The Slaughter Age" tiġi rreġistrata.
- (11) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati bl-ebda mod ma timplika li l-Kummissjoni tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "End The Slaughter Age" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taç-çittadini intitolata "End The Slaughter Age", irrappreżentata mis-Sinjura Filippo BORSELLINO u s-Sur Darryl GRIMA li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 27.4.2022

*Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Vĭci President*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kullegġjalit 
KUMMISSJONI EWROPEA